# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Marzu, 2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 247/18**
**fl-ismijiet:**

**Louena Aquilina (K.I. 198776M) u**
**David Camenzuli (K.I. 317352M)**

**vs.**

**Clayton Vassallo (K.I. 64785M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha, (ara foll 1 u 13), li permezz tieghu:

  2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

  2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

  2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti;

  2.4. Appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta tal-intimat, (ara foll 14);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-procedura oralment;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-iskop wara talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina hu dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tirreka hsara b'xi mod lill-parti li titlob il-hrug tal-istess mandat;

7.0. Illi biex tigi akkolta tali talba ghall-hrug ta' tali mandat jinhtieg li r-rikorrenti juri zewg affarijiet, senjatament:

  7.1. Li l-mandat hu mehtieg biex jigu tutelati id-drittijiet minnu pretizi; u

  7.2. Li r-rikorrenti jkun *prima facie* jidher li ghandu dawk id-drittijiet;

8. Illi *di piu`* tali prova trid issir b'mod oggettiv u mhux b'mod soggettiv dipendenti mid-diskrezzjoni tal-gudikant;

9. Illi ghalhekk tali drittijiet vantati minn rikorrenti fi procedura ta' dan it-tip jew jidhru mad-daqqa t'ghajn jew, ghall-finijiet tal-istess, ma jezistux;

10. Illi jigi wkoll sottolineat li z-zewg rekwiziti fuq delineati huma wkoll kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin;

11. Illi ghalhekk, jekk wiehed minn dawn iz-zewg rekwiziti fuq elenkati ma jirrizultawx, il-qorti ghandha tirrespingi t-talba in dizamina;

12. Illi jigi wkoll emfasizzat li tali procedura hi statutorjament sommarja billi mhux mistenni li f'dan l-istadju, jitressaq quddiemha dak kollu li jista' jitressaq f'kawza fuq il-mertu;

13. Illi jinghad ghalhekk li din il-procedura hi wahda ta' natura eccezzjonali u l-fatt li t-talba ghall-hrug ta' tali mandat tintlaqa' ma jfissirx li l-jedd hemm tutelat ikun ippruvat, u bil-maqlub, lanqas ma jfisser li l-fatt li t-talba *de quo* ma tintlaqax, allura dak il-jedd pretiz ma jezistix;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi minn ezami tad-dokumenti *in atti* fir-rigward ta' l-ewwel resposta preliminari tal-intimat jirrizulta sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tan-negozju u tal-"*logo*" mertu ta' din il-procedura, (ara foll 5 u 6);

14.2. Illi konsegwentement, l-ewwel risposta preliminari tal-intimat ghandha tigi respinta, (ara foll 14);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi minn ezami tad-dokumenti *in atti* fuq il-mertu tal-procedura jirrizulta s-segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tan-negozju minnhom gestit ta' madum tal-art u tal-hajt, accessorji tal-banju, u "*sanitary ware*" bl-isem "*The Tile*";

15.2. Illi ilhom jiggestixxu dan in-negozju ghal hamsa u ghoxrin (25) sena, (ara foll 1, 5 u 6);

15.3. Illi l-intimat ricentement beda jopera negozju simili ghal tar-rikorrenti bl-isem "*The Tile Collection*";

15.4. Illi l-istess rikorrenti jiggestixxu n-negozju taghhom b' "*logo*" specifiku, (ara foll 6);

15.5. Illi l-istess "*logo*" hu wkoll debitament registrat mad-Dipartiment tal-Kummerc, (ara foll 6);

Ikkunsidrat:

16. Illi in sintesi, permezz ta' din il-procedura, r-rikorenti qed jitolbu li l-intimat jigi inibit milli jkompli jopera n-negozju minnu gestit taht l-isem fuq riferit, (ara paragrafu numru hmistax punt tlieta, (15.3.), aktar qabel), billi dan il-fatt qed johloq konfuzjoni fl-imhuh tal-konsumaturi, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-isimijiet **Stephen Petroni *nomine* vs. Maria Louisa Montalto *nomine***, datata s-**26 ta' Mejju, 2000**, li irriteniet is-segwenti:

> "Tali isem jew marka jista' johloq konfuzjoni f'mohh il-konsumatur ordinarju. Barra minn hekk irid jirrizulta li l-konkorrenza qed issir fl-istess sfera t'attivita`, fl-istess kuntest ta' zmien u spazju u ghalhekk, fl-istess suq ..."

> "Kif tajjeb osserva l-perit legali fir-relazzjoni tieghu, jekk jikkonkorrux l-elementi kollha hi kwistjoni ta' fatt li tiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz, u jridu jittiehdu fl-intier taghhom u mhux bhala fatturi izolati wiehed mill-iehor".

> "Kif kellha okkazjoni tosserva l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Chircop et vs Carmelo Galea noe "deciza fis-27 ta' Gunju 1955 (Vol. XXXIX.i.401): "Kwantu ghall-konfondibilita` ... din hi kwistjoni ta' fatt. Il-gudikant ghandu jara hu stess, bhala gudizzju proprju, b'astrazzjoni anki ta' dak li dwar daqshekk jistghu jghidu x-xhieda, jekk hemmx din id-***deceptive resemblance***".

18. Illi d-decizjoni fuq riferita kienet titratta kawza ta' konkorrenza zleali fit-termini tal-artiklu 13 tal-Kap 13 tal-Ligi ta' Malta, (il-Kodici tal-Kummerc);

19. Illi pero`, gialadarba in essenza, l-mertu in dizamina hi l-istess, il-gurisprudenza fuq riferita qed isservi ta' gwida ghall-qorti odjerna fil-procedura *de quo*;

Ikkunsidrat:

20. Illi minn ezami tar-rizultanzi fuq riferiti hi l-fehma tal-qorti odjerna li effettivament tirrizulta somiljanza fonetika, intellettwali, u viziva bejn l-isem "*The Tile*" u l-isem "*The Title Collection*";

21. Illi in vista tal-fatt li dawn l-ismijiet mhumiex bizzejjed differenti minn xulxin anzi huma pjuttost simili, din is-somiljanza tista' facilment twassal lill-konsumatur normali biex jikkonfondi negozju ma iehor billi t-tnejn jiggestixxu l-istess generu ta' negozju;

22. Illi *di piu`*, f'dan ir-rigward ghandu wkoll japplika l-principju *prior in tempore potior in iure*, u ghalhekk, billi jirrizulta li r-rikorrenti kienu l-ewwel fis-suq, (ara foll 5), in-negozju hekk minnhom gestit ghandu jiehu l-precedenza;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ippruvaw il-kaz taghhom li:

23.1. Tezisti somiljanza fl-ismijiet in dizamina fuq gia` riferiti;

23.2. Illi din is-somiljanza facilment tista' tohloq konfuzjoni fl-imhuh tal-konsumaturi;

a sodisfazzjon taghha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

23.3. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

23.4. Tvarja ghalhekk *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha fuq riferit, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

23.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**